## 22 ta' Jannar, 1992

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

L-Avukat Dr. Josè A. Herrera *noe et*

*versus*

Tancred Tabone *et noe*

## Personalità Ġuridka ta' Soċjetà Kummerċjali – Kuntratti – *Bona Fede* – *Mala Fede* – *Qui per Alium Facit ipse Fecisse Videtur*

*Kawża dwar ftehim fi trasferiment ta' azzjonijiet li għal żmien sentejn ħadd minnhom ma jimpjega ebda persuni li f'dak iż-żmien kienu impjegati mas-soċjetà li tagħha kienu għadhom kif ċedew l-azzjonijiet lill-parti l-oħra.*

*Xi xahrejn wara l-ftehim ġiet kostitwita soċjetà oħra li l-azzjonista prinċipali tagħha kienet is-soċjetà konvenuta u ġew impjegati ma' din is-soċjetà żewġ persuni li qabel kienu impjegati ma' l-atturi.*

*Il-Qorti sabet illi l-konvenuti kienu aġixxew in mala fede u li waħda mis-soċjetajiet konvenuti kienet kisret id-disposizzjoni "de quo" u kkundanatha tħallas il-penali pattwita għall-vjolazzjoni tad-disposizzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha wara li ppremettew:

Illi x-*Shareholders* tas-Soċjetajiet kontendenti kienu *Shareholders* u soċji fis-Soċjetà *Forestals Limited,* illum *Forestals Building Materials & Services Limited* kif ukoll fis-Soċjetà *Forestals (Appliances) Limited*;

Illi bi skrittura datata t-28 ta' Awissu 1987 l-*Shareholders* Herman u Lina German, Charisse Camilleri *nee* German u Arienne Sullivan *nee* German, kienu ttrasferew lil Tancred u Anthony Tabone għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited,* ix-*Shares* li kellhom fis-Soċjetà *Forestals (Appliances) Limited* versu l-kumpens imsemmi fl-Iskrittura, u min-naħa l-oħra s-Soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited* kienu ttrasferew ix-*Shares* li kellhom fis-Soċjetà *'Forestals Limited'* lil Herman u Lina German, Charisse llum Camilleri *nee* German u Arrienne Sullivan *nee* German;

Illi in forza ta' dina l-istess Skrittura li parti minnha tinsab esebita u annessa bħala Dokument 'A' jirriżulta illi l-intimata Ditta Salv. R. Tabone (*Successors*) *Limited* kienet intrabtet li ma tagħtix impieg lil nies li kienu fiż-żmien ta' l-Iskrittura jaħdmu mad-ditta *Forestals Limited* (illum *Forestals Building Materials & Services Limited);*

Illi d-ditta konvenuta Salv. R. Tabone *(Successors) Limited* qiegħda tikser dina l-kundizzjoni u dan billi b'mod sottili u żgur kontra l-ispirtu tad-dispost numru 4 ta' l-annessa skrittura, impjegat żewġ (2) ħaddiema (jew aħjar ippermettiet li jiġu mpjegati) tas-Soċjetà attriċi u ċjoè Ronald Farrugia u Charles Gauci, tramite l-Kumpanija konvenuta l-oħra ċjoè *Floorcare*

*(Services) Limited*;

Illi d-ditta Salv. R. Tabone *(Successors) Limited* għandha *Shareholding* sostanzjali fl-imsemmija ditta u *di più* x-*Shareholders* l-oħra huma l-istess *Shareholders* tad-ditta Salv. R. Tabone *(Successors) Limited*:

Illi minħabba fil-premess, jidher ċarissimu l-'*mala fede*' tal-konvenut;

Talbu, għaliex dina l-Qorti:

(1) m'għandhiex tiddikjara li l-konvenuti jew wieħed minnhom bl-aġir tiegħu kif fuq spjegat kiser l-artikolu Nru. 4 ta' l-annessa skrittura u b'hekk għandu jsofri l-penali hemm stabbiliti;

Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti għas-subizzjoni;

Bir-riserva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta *Floorcare (Services) Limited* li biha eċċepiet preliminarjament li l-forma rikjesta mil-liġi fid-"dikjarazzjoni" ma ġietx aderita, peress illi m'hemmx illi l-istess dikjarazzjoni ġiet ġuramentata mill-attur, u għalhekk l-istess ċitazzjoni hija nulla. Fil-mertu, hija m'għandha ebda rabta kontrattwali ma' l-attur u hija libera li tassumi bħala impjegat kull persuna li jidhrilha;

Is-soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited* tat l-istess eċċezzjoni preliminari u fil-mertu li hija ma kisritx l-obbligi

minnha assunti fil-kuntratt tat-28 ta' Awissu 1987;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Jannar 1989 li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess atturi u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Fuq il-fatti salienti u rilevanti għall-kawża, il-partijiet qablu u vverbalizzawhom fis-seduti tat-3 ta' Novembru u tad-9 ta' Diċembru ta' l-1988. Is-soċjetà konvenuta *Floorcare (Services) Limited* impjegat magħha lil Gauci u Farrugia ġà impjegati ta' *Forestals Buildings Materials and.Services Limited*. Din hija l-kontravvenzjoni li l-atturi jipprentendu li ġiet kommessa, kontra dak li tistipula l-iskrittura – dokument A – fil-klawsola 4: – *The parties further agree that for a period of two years from today they shall not give employment to any person presently employed by the Company, whose shares they have disposed of and this under a penalty of Lm10,000 per infringement";*

Is-soċjetà *Floorcare (Services) Limited,* li kkommettiet l-allegata kontravvenzjoni, ma kinitx parti f'din l-iskrittura, u għalhekk, naturalment dik l-iskrittura ma torbothiex. Il-pretensjoni ta' l-atturi allura ttentat tipprova illi kienet fl-intenzjoni tal-partijiet li ddiviet tal-klawsola 4 għandu jabbraċċja wkoll soċjetajiet li għalkemm m'humiex parti fl-iskrittura, jkunu soċjetajiet fejn ix-*shareholders* huma l-istess *shareholders* tas-soċjetajiet li kkuntrattaw. Imma x-xhieda prodotti għal dan l-iskop ma waslu lanqas minn din il-proposizzjoni anzi, il-konvenuti pprospettaw illi jekk sar xi diskors fir-rigward, fin-negozjati li jipproċedu kull ftehim ta' din ix-xorta, dan kien fis-sens li proprju dik il-klawsola ma kinitx se tevita l-possibbilità

li jinħolqu soċjetajiet, barra dawk li kienu parti fil-ftehim, biex dawn ikunu jistgħu jagħmlu dak li għal ħaddieħor kien vjetat. U difatti jidher li hekk issuċċieda billi f'Ottubru 1987 – ċjoè xahrejn wara d-data tal-ftehim – ġiet ikkostitwita l-*Floorcare (Services) Limited,* u din billi ma kinitx vinkolata bil-ftehim kellha u għandha, kull libertà ta' azzjoni. Huwa appena neċessarju li jiġi enfasizzat il-fatt importantissimu li soċjetà kostitwita taħt ir-reġim ta' l-Ordinanza tas-Soċjetajiet għandha personalità ġuridika awtonoma u distinta minn dik tas-singoli persuni, azzjonisti tagħha. U l-isfera ta' l-attività tagħha mhix kostretta ħlief b'dak li jorbot lilha u mhux l-azzjonisti singoli tagħha;

L-atturi pprospettaw ukoll il-fatt illi meta ġiet ikkostitwita din is-soċjetà *Floorcare (Services) Limited,* il-persuni li kkostitwewha kienu qed jaġixxu b'manifesta *'mala fede'* u billi fil-kamp kummerċjali timpera l-massima ta' l-*uberimma fidei* fl-osservanza ta' l-obbligi kontrattwali; in-nuqqas huwa lampanti u għandhom jissokkumbu. Dan, il-Qorti tapprezzah, imma huwa biżżejjed li jiġi osservat illi dawk il-persuni fiżiċi li kkostitwew is-soċjetà *Floorcare (Services) Limited,* u li aġixxu, konċess għall-grazzja ta' l-argument) m'humiex konvenuti fil-kawża u lanqas kienu parti fil-kuntratt. Kollox jiddependi mill-persuni – ġuridiċi jew fiżiċi – li huma l-protagonisti ta' dak li ġara. U l-atturi dan l-aspett tal-kwistjoni ma tawhx l-attenzjoni li kien jistħoqqlu u dan huwa fatali għalihom;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi *nomine et* ppreżentata fil-31 ta' Jannar 1989;

*Omissis;*

Illi qabel xejn għandu jingħad li l-konvenuta vera f'din il-kawża hija soċjetà "Salv. R. Tabone *(Successors) Limited*". In fatti fl-iskrittura Dok. D tat-28 ta' Awissu 1987 il-partijiet kienu biss il-familja German u s-soċejtà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited*. Is-soċjetà l-oħra ma kinitx għadha teżisti. Minn eżami ta' l-iskrittura fuq imsemmija jirriżulta li l-familja German u s-soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited it-tnejn kellhom shares* f'żewġ kumpaniji u riedu jagħmlu b'mod li waħda mill-kumpanija ssir kollha tal-familja German waqt li l-oħra ssir kompletament tas-soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited* tal-familja Tabone. Għalhekk permezz ta' l-istess skrittura l-familja German ċediet ix-*shares* kollha li kellha fis-soċjetà *Forestals (Appliances) Limited* lill-familja Tabone waqt li din min-naħa tagħha ċediet lill-familja German x-*shares* li kellha fis-soċjetà l-oħra "*Forestals Limited*". B'hekk ġie li din ġiet kompletament tal-familja German waqt li l-oħra saret tas-soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Limited,* li hija *Holding Company* tal-familja Tabone;

Ma din l-iskrittura ġiet iffirmata wkoll mill-partijiet, skrittura oħra Dok. A (fol. 18) li hija appendix għall-ewwel waħda. B'din l-iskrittura ġew imposti xi obbligi fuq xulxin, mill-partijiet bħala kawtela biex ħadd minnhom ma jkun jista' jintrometti ruħu fuq ix-xogħol u negozju tal-parti l-oħra. Il-familja German kellha tbiddel l-isem tas-soċjetà tagħha *Forestals Ltd.* f'*Forestals Building Material and Services Limited* fi żmien ġimgħa u li ma terġax tbiddlu f'kif kien qabel. Ta' Tabone intrabtu li ma jużawx it-"*Trade name*" "*Forestals*' ħlief kif inhu fl-isem tas-soċjetà "*Forestals (Appliances) Limited*" u li ma jbiddlux l-isem mingħajr il-kunsens ta' l-oħrajn. Barra minnhekk it-tnejn intrabtu reċiprokatament ukoll li ma jagħmlu ebda

negozju bħal dak ġestit mill-parti l-oħra taħt l-isem tas-soċjetà tagħha. Fl-aħħarnett, il-partijiet intrabtu wkoll li għal żmien sentejn ħadd minnhom ma jimpjega ebda persuni li f'dak iż-żmien kienu impjegati mas-soċjetà li tagħha kienu għadhom kif ċedew ix-*shares* tagħhom lill-parti l-oħra;

Minn eżami ta' dawn l-erba' obbligi li l-partijiet imponew fuqhom reċiprokatament jidher ċar li ż-żewġ partijiet riedu jikkawtelaw ruħhom kontra l-possibilità u eventwalità ta' xi attività mill-parti opposta li b'xi mod tittenta tieħu x-xogħol tas-soċjetà tagħha. In fatti dwar din il-kwistjoni Dr. Camilleri Preziozi li kien qed jidher għall-familja German fuq l-iskrittura Dok. D xehed li fuq il-klawsola numru 4 ta' l-iskrittura Dok. A kien sar ħafna diskors bejn il-partijiet fol. 60 – 62 u li l-ġest ta' dak id-diskors kien illi l-partijiet kienu qegħdin jaqsmu kemm is-soċjetajiet kif ukoll l-impjegati tagħhom u li huma qagħdu attenti biex jekk jista' jkun l-impjegati ta' naħa ma jmorrux fuq in-naħa l-oħra;

*Omissis;*

Issa mill-provi jirriżulta li xahrejn wara li kien ġie ffirmat mill-partijiet il-kuntratt ta' bejniethom u ċjoè fit-30 ta' Ottubru 1987 ġiet irreġistrata kumpanija ġdida bl-isem ta' *Floorcare (Services) Limited.* Kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' l-istess tinsab esibita a fol. 36 tal-proċess. Minn din jirriżulta li l-kumpanija ħarġet 500 *shares* li minnhom 499 *shares* huma tas-soċjetà Salv. R. Tabone *(Successors) Ltd.* u *one share* huwa ta' Etienne Borg Cardona. Jirriżulta wkoll li d-diretturi tas-soċjetà huma Anthony hu Tancred Tabone li huma ukoll id-diretturi tas-soċjetà konvenut fuq imsemmija. Dan

*juri li din is-soċjetà l-ġdida tappartjeni lis-soċjetà Salv. R. Tabone (Successors) Ltd.* li skond ix-xhud Victor Tabone hija *a holding company* u ġestita minnha. Ma jidhirx li hu kkontestat li din it-tieni soċjetà impjegat iż-żewġ persuni msemmija fiċ-ċitazzjoni li huma ex impjegati tas-soċjetà attriċi;

Minn dan jidher ċar li s-soċjetà konvenuta Salv. R. *Tabone (Successors) Limited* li kienet ipprojbita milli tagħti impieg lill-impjegati tas-soċjetà attriċi bil-kuntratt tat-28 ta' Awissu 1987 ikkostitwiet soċjetà ġdida *Floor Care Services Limited* li fuqha għandha kontroll komplet biex permezz tagħha hija tkun tista' timpjega nies tas-soċjetà attriċi bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu għad-detriment ta' l-atturi u bi ksur tal-klawsola Nru. 4 tal-kuntratt fuq imsemmi. In fatti s-soċjetà konvenuta Salv. R. *(Successors) Limited* "hija biss '*a holding company*' " u jidher li għamlet dan biex tkun tista' tiġġestixxi negozji identiċi għal dawk ta' l-atturi u possibilment teħdilhom mix-xogħol tagħhom. *Il-konvenuti nomine bl-aġir tagħhom aġixxew b'mala fede* kbira versu l-atturi;

Issa skond ma rriżulta mill-provi kienet essenzjali u vitali għall-partijiet li jorbtu lil xulxin b'mod li ħadd minnhom ma jkunx jista' jieħu impjegati ta' l-ieħor;

Il-konvenuti *nomine* jidher li mxew b'*mala fede* kbira fil-konfront ta' l-atturi b'dan l-aġir tagħhom. In fatti għad li huma kienu obbligaw ruħhom li ma jimpjegawx nies li kienu impjegati ma' l-atturi, huma ttentaw jadottaw mezz li bih għad li ma jidhrux li kienu huma li qegħdin jimpjegawhom, l-istess persuni jkunu attwalment impjegati u taħt il-kontroll tagħhom u għalhekk ikkostitwew soċjetà li għad li l-isem tagħha kien differenti, din

kienet kompletament taħt il-kontroll tagħhom. Jidher però li dan kien kollu inutli minħabba dak li jistabbilixxi l-prinċipju li "*Qui per alium facit ipse fecisse videtur*";

Skond l-artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi u jobbligaw mhix biss għal dak li *jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib* magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha bl-ekwità bl-użu jew bil-liġi. Skond l-awtur Francesco Rìcci (Diritto Civile Vol. VII, par. 47, pag. 65). "*E ciò vuol dire, che i contraenti non hanno bisogno d'indicare, allorchè contraggono, le conseguenze derivanti dal contratto, presumendosi, al riguardo che essi le abbiano implicitamente volute, se il contrario non risulti dalla stipulata conversione*". (Ara ukoll Joseph Falzon *vs* Calcedonio Cuschieri *noe* Appell Civ. deċiż fit-23 ta' Ottubru 1936 Vol. XXIX.I.p.1408);

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-appell ta' l-atturi appellanti u tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Jannar 1989 u għalhekk prevja li tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront biss tas-soċjetà konvenuta "Salv. R. Tabone *(Successor) Limited*" tiddikjara li din is-soċjetà konvenuta bl-aġir tagħha msemmi fiċ-ċitazzjoni kisret *l*-artikolu Nru. 4 ta' l-iskrittura Dok. A annessa ma' dik Dok. D tat-28 ta' Awissu 1987 u dan ukoll għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u b'hekk inkorriet kontra tagħha l-penali stabbiliti fl-istess artikolu fl-aħħarnett tillibera lis-soċjetà konvenuta l-oħra "*Floor Care (Services) ltd.*" mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi għandhom jiġu sopportati

mis-soċjetà konvenuta appellata, Salv. R. Tabone *(Successors) Limited;*